**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Appell Nru: 18/2001**

**Il-Pulizija (Spettur David Saliba)**

**Vs**

**JESMOND GATT**

**Illum, 6 ta'Settembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Jesmond Gatt talli fil-21 ta'Settembru, 1999, mill-Bugibba Holiday Complex li hija sitwata gewwa Triq it-Turisti, Bugibba, matul il-gurnata :

1. Ikkommetta serq ta'diversi oggetti fosthom apparat fotografiku, ammont ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) fi flus kontanti (Sterlini), credit cards, u tmin (8) travellers cheques ta'mitt lira Sterlina (Stg 100) 'l wiehed, liema serq jeccedi l-valur ta'Lm1000, u sar ghad-dannu tal-koppja Dryburgh, u liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u valur;
2. Fl-istess zminijiet u cirkostanzi, f'Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom ;
3. Jinsab recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti li huma definittivi.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 18 ta'Jannar, 2001, li biha filwaqt li ma sabetx lill-Jesmond Gatt hati tat-tieni akkuza w illiberatu minnha, sabitu hati fuq l-ewwel u t-tielet akkuzi, b'dan pero' li s-serq misjub hati tieghu huwa minghajr l-aggravju tal-mezz, u, ghalhekk, ikkundannatu ghall-sentejn prigunerija.

Rat ir-rikors t'appell ta'Jesmond Gatt datat 30 ta'Jannar, 2001, li bih talab li din il-Qorti filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatorja taghha u fejn ma sabitux hati ta' serq agravat bil-mezz, tirrevokaha fil-bqija taghha fejn sabitu hati, u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi bazikament l-aggravju ta’ l-appellant Jesmond Gatt hu li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u, ghalhekk, ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal sabiex issib htija fih.

Fil-fehma ta’ dan l-appellant, il-provi li tressqu w li hemm fl-atti ma jwasslux sabiex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tieghu dwar is-serqa in kwistjoni. Skond hu, l-Ewwel Qorti interpretat it-teorija ta’ “*recent possession of stolen property*” b’mod skorrett jew inkomplet. Hu jghid li kuntrarjament ghal dak li qalghet dik il-Qorti, hu kien offra spjegazzjoni tajba ta’kif it-traveller cheques in kwistjoni kienu f’idejh.

Ghalhekk, il-kompitu ta’ din il-Qorti hu li tara jekk effettivament, minn ezami tal-provi li ghamlet, setghetx l-Ewwel Qorti legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li l-imsemmija teorija tapplika f'’dan il-kaz fil-konfront ta' l-appellant.

L-ewwel nett, jirrizulta minghajr ebda dubju li fit-22 ta’Settembru, 2000, il-konjugi turisti Dryburgh kienu rrapportaw lill-pulizija li kienu ghadhom kemm sabu li xi hadd kien serqilhom tmin traveller cheques, ta’ LStg100 il-wiehed, mill-kamra taghhom fil-lukanda fejn kien qedin joqghodu, u dan fost affarijiet ohra.

Fit-tieni lok, jirrizulta li ftit tas-sieghat wara, kmieni fil-ghodu fit-23 ta’Settembru, 2000, dawn l-istess traveller cheques fl-ammont ta’LStg800 instabu f’idejn l-appellant waqt li kien gewwa karozza ta’certu Silvio Cacciattolo.

Fit-tielet lok, l-appellant jghid li dawk it-traveller cheques ma kienux tieghu, izda ta’ dan Cacciattolo. Dan ta’l-ahhar jichad din l-allegazzjoni ta’ l-appellant u jghid li kien rahom l-ewwel darba f’idejn l-appellant meta kien fil-karozza tieghu. Quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant xehed u kull ma qal, filwaqt li kkonferma l-istqarrija tieghu, kien li dan Cacciattolo kien tah dawk it-traveller cheques.

Jidher ghalhekk li l-appellant qed jikkontesta t-tieni w t-tielet minn dawn iz-zewg fatti appena msemmija, fis-sens li (1) il-hin li kien ghadda bejn is-serqa tat-traveller cheques u meta dawn instabu f’idejh kien hin bizzejjed biex dawn lahqu ghaddew minn diversi idejn, u dan minhabba il-facli disponibilita’ taghhom, u (2) li hu kien ta spjegazzjoni adegwata w kostanti ta’kif dawn it-traveller cheques kienu qedin f’idejh.

Illi fuq din tal-hin, din il-Qorti ma taqbilx ma’ l-appellant. Fil-fatt, jirrizulta li kienet ghaddiet appena gurnata minn meta nsterqu w instabu f’idejn l-

appellant. Dan hu hin konsiderevolment qasir biex jirrendi applikabbli t-teorija tar-'*recent possession of stolen goods*.' Hin ta' gurnata biss certament hu hin vicin hafna s-serqa tac-cheques, u din il-Qorti taqbel ma' l-Ewwel Qorti li dan ir-rekwizit tal-hin hu sodisfatt, li, wara kollox, hi kwistjoni ta' diskrezzjoni tal-Qorti in bazi tal-fatti rizultanti u kunsiderazzjoni tac-cirkostanzi w fatti kollha tal-kaz.

Dwar ir-rekwizit ta' l-ispjegazzjoni da parti ta' l-appellant ta' kif dawk it-traveller cheques kienu f'idejh, anke din hi kwistjoni purament ta'apprezzament tal-provi, u hija, ghalhekk, materja mhollija kompletament ghad-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika. Li hu essenzjali w importanti hu li mhux kull tip ta'spjegazzjoni tghodd, izda trid tkun wahda sodisfacenti bizzejjed sabiex tikkonvinci lill-Qorti, imqarr fuq grad ta' probabilita', li dak li qed jghid l-appellant huwa minnu, aktar iva milli le.

L-Ewwel Qorti ma hassithiex hekk. Dehrilha, fid-diskrezzjoni taghha, li l-appellant ma offriex spjegazzjoni bizzejjed accettabbli, u dan fl-isfond tal-provi l-ohra kollha, kunsidrati fl-assjem taghhom. Dan kien l-apprezzament tal-provi li ghamlet dik il-Qorti, u din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fih. Ma hemm ebda raguni valida legalment l-ghaliex din il-Qorti ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitatha mill-Ewwel Qorti, kemm ghal dak li kkonkludiet fil-meritu, kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-piena.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tichad l-appell ta'Jesmond Gatt u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur